MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Numru. 602/2011

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Stephen Cassar, iben Alfred imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Frar, 1991, Karta ta’ l-Identita numru 115491(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-3 ta’ April, 2011 għal ħabta ta’ nofs il-lejl u żewġ minuti (0002) ġewwa Triq Wiga, San Ġiljan, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAE 542, ikkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fil-ġisem jew fis-saħħa fuq il-persuni ta’ Justin Farrugia u Justin Caruana, skont kif iċċertifikaw Dr. M. Caruana M.D. u Dr. M. Bellizzi M.D.;

2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla BMW, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAE 542, b'nuqqas ta' kont, bi trakuraġni jew b'mod perikoluz.
Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra l-piena skont il-liġi, tiskwalifika lil Stephen Cassar milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni, lill-midruba u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li saq bla kont u li kkawża feriti ta' natura gravi 'per durata' fuq il-persuni ta' Justin Farrugia u Justin Caruana. Rat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali netta u iċ-ċirkostanzi attenwanti kollha. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ mhemmx lok għas-sospenzjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta' Stephen Cassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------